MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2122/2003

**Fogg insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet taghha James Portelli abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess James Portelli**

**Vs**

**Justin Camilleri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Ottubru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm330.68 (tlett mija u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu) dovuti bhala danni kkawzati f'incident awtomobilistiku nhar is-7 ta' Dicembru 2002 f'San Giljan.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta' tlett mija u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm330.68) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur James Portelli assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm255.68), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) l-istess James Portelli in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-7 ta' Dicembru 2002ghall-habta tal-12:30a.m. gewwa Regional Road, San Giljan, bejn il-vettura propjeta` ta' l-attur James Portelli, bin-numru ta' registrazzjoni JTD 019 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjonji CAR 653, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2003, ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Citadel Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2003 kontra l-konvenut li huwa min issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Preliminarjament, wiehed irid jistabilixxi jekk dan it-Tribunal ghandux gurizdizzjoni f'dina l-kawza peress illi din il-kundanna tirrikjedi ukoll dikjarazzjoni ta' responsabilta` ghall-incident.

Fit-tieni lok irid jigi pruvat is-surroga tad-drittijiet u f'kull kaz il-konvenut m'ghandu jghati l-ebda somma lis-socjeta` attrici peress illi m'huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa pacifiku lejn iz-zewg xufiera li l-habta grat waqt li l-assigurat tas-socjeta’ attrici kien qed jissorpassa l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Il-Highway Code jistipula fl-Art 181-185 il-mod u manjiera ta kif tigi ezercitata l-manuvra tas-sorpass "Ex admissis", l-attur James Portelli xehed li ma ta l-ebda ndikazzjoni lil vettura ta` quddiem li kien ser jaqbzu – la paqpaq, ifflikkja d-dawl, la indicator mixghul, wisq anqas ma ra indicator mixghul tal-vettura tal-konvenut. Qalghu minn fuq ix-xellug. Kienet lejla ta xita. Kienet lejla qabel festa Nazzjonali. L-ambjent fejn sar l-incident huma rinomat ghat-tgegwigija ta' traffiku li dan kemm gej u sejjer minn kull direzzjoni. F'dak it-tip ta temp, xita u maltemp, jizdied laffluss tal-vetturi.

La kien il-post idoneu ghal manuvra ta` sorpass u wisq anqas giet segwita l-procedura stabbilita mill-Artikoli fuq citati.

Relattivament ghal modus operandi tal-konvenut, it-Tribunal ma jara u/jew jiskontra xi nuqqas li tista tigi lilu addebitata xi responsabbilta u/jew almenu kontribuzzjoni ghas-sinistru.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet, 'Citadel Insurance plc u Martin Vella'. Kien incident simili fl-istess akkivati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' l-eccezjoni tal-konvenut jichad it-talbiet attrici. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa lejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------